NEWSPAPER POST




# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Jannar - Frar 2006

Nru 148

# " INĦOSSNI AT HOME "

## Mons. Mario Grech



Il-kapitlu u l-kleru tal-bażilika ta' San Ġorġ jilqa' lil Mons. Mario Grech. 05.02.06 - 10.15am

## "Imbierek min ġej f'isem il-Mulej" Għawdex jgħix l-esperjenza ta' isqof ġdid

**Francesco Pio Attard** - *francescopio@waldonet.net.mt*

Meta f'April 2005 l-Ispirtu tal-Mulej dawwal lill-Knisja, irrappreżentata fil-kulleġġ tal-kardinali, biex tagħżel lill-kardinal Ġermaniż Josef Ratzinger bħala l-vigarju ġdid ta' Kristu fuq l-art wara l-papa kbir Ġwanni Pawlu II, smajnieha tidwi mal-kolonnat tal-Vatikan il-frażi sabiħa meħuda mis-salmi ta' l-Iskrittura: *"Benedictus qui venit in nomine Domini"* – "Imbierek min ġej f'isem il-Mulej" (Salm 118:26)

Id-djoċesi Għawdxija fl-aħħar xahar setgħet toħroġ minn qalbha din l-istess għanja tas-salmista, b'sens qawwi ta' radd il-ħajr lill-Mulej għall-grazzja ta' ragħaj ġdid għall-qalb ta' Alla, l-isqof l-E.T. Mons. Mario Grech. Żgur li kienu mumenti sbieħ u tabilħaqq partikulari dawk li lkoll kemm aħna għexna fil-ħatra ta' l-isqof il-ġdid tagħna. L-aħbar tan-nomina tal-kappillan tal-parroċċa Ta' Kerċem bħala t-tmien isqof ta' Għawdex, b'digriet tal-papa Benedittu XVI, waslet nhar is-Sibt 26 ta' Novembru 2005. Il-qniepen tal-bażilika Ġorġjana kienu fost l-ewwel li ħabbru b'mota solenni din l-aħbar sabiħa u wisq mistennija għall-gżira tagħna. Fl-istess ħin ħassejna wkoll mill-ġdid sentiment ta' radd il-ħajr u apprezzament għat-tmienja u tletin sena li l-isqof Nikol Ġ. Cauchi għadda fit-tmun tad-djoċesi Għawdxija, li hu mexxa u ggwida



Ikompli f'paġna 3...

**F'din il-Ħarġa**



*Rapport dettaljat taż-żjara ta' Mons. Isqof u Dekan tal-Kolleġjata ta' San Ġorġ bej it-tlieta u l-ħamsa ta' Frar.*



*Messaġġ ta' l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farruġia*

Paġna 3



*Indirizzi ta' merħba lil Mons. Mario Grech*

Paġni 7-9

# IL-BELT VICTORIA
Rivista ta' kull xahrejn



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


## Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

| | |
|---|---|
| *13.12.2005* | **Maia**, bint George Mario Farrugia u Melany Buhagiar |
| *14.12.2005* | **Megan**, bint Anthony Grech u Marisa Galea |
| *18.12.2005* | **Christina**, bint Christopher Thornton u Romina Vassallo |
| *21.12.2005* | **Phoenix**, iben Steven Muscat u Krystle Spiteri |
| *27.12.2005* | **Victoria**, bint George Camilleri u Monique Mizzi |
| *07.01.2006* | **Matthew**, iben Mario Farrugia u Roseann Attard |
| *08.01.2006* | **Lora**, bint Anton Grech u Marla Vassallo |
| *28.01.2006* | **Francesca**, bint George Cini u Josanne Farrugia |

## Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat

| | |
|---|---|
| *21.12.2005* | **Ġuzeppi Attard** |
| *03.01.2006* | **Judie Grech** |
| *04.01.2006* | **George Farrugia** |
| *09.02.2006* | **Teresa Spiteri** |
| *10.02.2006* | **Mary Rose Pisani** |


Ir-Rebbieħ

Teatru Astra
23four Group Żgħażagħ San Ġorġ
Ir-Rebbieħ
Musical
Mużika: *Joseph Vella*, Kliem: *Giovanni Cauchi*
Teatru Astra - Is-Sibt 22 t' April, 2006
Għal aktar informazzjoni: 79497254


**NOTA EDITORJALI**

Iż-żewġ artikli mħabbra qabel, ser joħorġu fil-ħarġiet li jmiss, minħabba r-rappurtaġġ estensiv tal-ħatra ta' Mons. Mario Grech bħala isqof tad-djoċesi kif ukoll dekan tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ.

IL-WEBSITE TA' SAN ĠORĠ
**www.stgeorge.org.mt**

# Editorjal

## Nagħtuk merħba!

Żgur li kelli nibda dan l-editorjal billi nsellem u nagħti merħba lill-isqof il-ġdid ta' din id-djoċesi kif ukoll dekan ta' din il-bażilika, l-E.T. Mons. Mario Grech. Huwa ta' pjaċir li d-djoċesi għandha ragħaj spiritwali ġdid u dan in-nies urewh fid-diversi mumenti li fihom iltaqgħu miegħu. Stajna ninnutaw aktar u aktar mill-attendenza numeruża tal-parruċċani fil-ġimgħa meta l-isqof żar lilna. Kienu tlitt ijiem sbieħ fejn fihom sirna nafu aktar mill-viċin lil Mons. Mario Grech. Il-kliem fuq fomm kulħadd kien: "Kemm hu ta' man-nies!". Stajna naraw dan b'għajnejna, aħna li ltaqjna miegħu. Diversi kienu l-mumenti fejn l-isqof il-ġdid ltaqa' mal-parruċċani. Fost l-oħrajn maż-żgħażagħ, mat-tfal, fl-assemblea parrokkjali, waqt iż-żjarat fil-familji kif ukoll waqt iż-żjarat f'postjiet oħra bħal dik fil-każin tat-*Teatru Astra*. F'dawn il-mumenti lkoll kemm aħna stajna nammiraw b'liema ġentilezza u disponibbiltà Mons. Grech waqaf ikellimna, u ħafna drabi jieħu r-ritratti man-nies, dejjem bid-daħka fuq wiċċu. Min-naħa tiegħu Mons. Grech deher verament emozzjonat għal din l-akkoljenza verament sabiħa. Żgur li sa tibqa' tidwi l-frażi li tenna waqt il-konċelebrazzjoni pontifikali tal-pussess, fejn mingħajr tlaqliq stqarr: "Inħossni *at home*". Avveniment li żgur aħna lkoll sa nibqgħu niftakru tul ħajjitna kollha huwa ċ-ċerimonja tal-pussess ta' Mons. Mario Grech bħala dekan tal-kolleġġjata. Dan l-avveniment tal-pussess żgur li sa jibqa' stampat tul ħajjitna kollha. Aħna l-Ġorġjani żgur li sa nilqgħu b'għożża kbira din il-ħatra u nwiegħduh il-kollaborazzjoni sħiħa tagħna.

Kif tafu, għadni kemm bdejt din l-esperjenza ġdida ta' editur. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li urew l-apprezzament tagħhom għax-xogħol li qed isir. Min-naħa tiegħi nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qed jagħtu daqqa t'id fit-tfassil ta' din il-gazzetta. Fost l-oħrajn insemmi l-*proof readers*, l-awturi kif ukoll dawk li jipprovdu kull tip ta' informazzjoni; dan kollu biex intom, għeżież qarrejja, ikollkom materjal informattiv fuq l-attivitajiet tal-parroċċa. Nispiċċa billi nagħmel appell lilkom, qarrejja, li jekk tridu twasslu xi lment, kumment jew suġġeriment tistgħu tibagħtuli email fuq ilbeltvictoria@yahoo.com jew inkella tindirizzaw ittra fuq *Uffiċċju Parrokkjali, Triq Karità, Victoria Għawdex.*

**Andrew Formosa**
*editur*
• ilbeltvictoria@yahoo.com

# *Messaġġ mill-Arċipriet*

## *Mons. Ġużeppi Farrugia*

info@stgeorge.org.mt



**Merħba kbira lill-Isqof tagħna**
Għalina li noqogħdu fil-belt Victoria, u għal bosta Għawdxin oħra u nies minn Malta li ngħaqdu magħna, il-festi ta' l-ingress ta' l-isqof il-ġdid ta' Għawdex, l-E.T. Mons. Mario Grech, intemmu b'solennità liema bħalha bil-pussess tiegħu bħala dekan tal-kolleġġjata Lateranensi fil-bażilika ta' San Ġorġ. Il-Ħadd, 5 ta' Frar 2006, huwa jum ieħor li daħal fl-istorja tal-knisja lokali mhux tant għas-sinifikat intrinsiku ta' l-okkażjoni unika imma wkoll għall-mod raffinat u sabiħ kif ġiet iċċelebrata liturġija verament "kattolika" u relevanti għall-komunità nisranija li ċċelebrata. Din il-liturġija kienet il-quċċata ta' tlett ijiem ta' familjarizzazzjoni ta' Mons. Isqof mal-parroċċa ta' San Ġorġ, u tal-parroċċa miegħu.

**Ir-Randan: żmien tat-tiġdid spiritwali**
Nhar l-Erbgħa, 1 ta' Marzu, bidu taż-żmien liturġiku tar-Randan, jibda ż-żmien ta' tiġdid għalina lkoll. Dan it-tiġdid jiddependi fuq kemm nilqgħu l-istedina li nisimgħu l-Kelma t'Alla u ngħixuha bħala konsegwenza tad-deċiżjonijiet li nieħdu fil-ħajja konkreta. Nieħdu ħsieb li nattendu għall-predikazzjoni ta' l-eżerċizzi spiritwali. Tagħrif dwarhom diġà jinsab fil-websajt. Ir-Randan iġib miegħu ukoll diversi inizjattivi pastorali kemm fuq livell parrokkjali u djoċesan. Napprofittaw ruħna minn kull stedina għal tiġdid spiritwali.

**Ħidma fiċ-Ċentru Parrokkjali l-Ġdid**
Ix-xogħol fiċ-ċentru parrokkjali għadu għaddej u, kif kien il-ħsieb oriġinali tagħna, se jkun tabilħaqq ċentru parrokkjali għat-Tielet Millennju Nisrani. Wara li beda jintuża mill-grupp tal-Vokazzjonijiet, nhar is-Sibt, 4 ta' Frar, iltqajna fih is-saċerdoti kollha tal-parroċċa għal ikla flimkien ma' l-isqof il-ġdid. Il-ħsieb hu li d-dar tal-parroċċa tilqa' fiha mhux biss is-saċerdoti, żgħażagħ u anzjani, imma wkoll membri tal-komunità nisranija għal attivitajiet speċjali bħalma huma laqgħat, "weekend retreats" jew esperjenzi ta' familjarizzazzjoni nisranija.

**Il-Kwaranturi fil-festa tal-Ħniena Divina**
L-erbgħin siegħa ta' adorazzjoni li huma tradizzjonalment marbuta mal-festa tal-Kwaranturi, din is-sena, se nagħmluhom fil-jiem li jwasslu għall-festa tal-Ħniena Divina, jiġifieri l-Ħadd, 23 ta' April 2006, l-Ottava ta' l-Għid il-Kbir. B'hekk inkunu qed nagħtu valur ikbar kemm lill-Ħniena Divina, li lilha hi ddedikata l-Kappella l-ġdida, kif ukoll lill-festa nfisha ta' l-Ewkaristija, li hi tant marbuta mad-devozzjoni tal-Ħniena Divina.

**San Ġorġ dejjem iħarisna.**
Jista' jiġri li minħabba xi raġuni partikolari nħossu l-bżonn li, b'ħeġġa akbar mis-soltu, nirrikorru għand San Ġorġ, il-protettur tagħna. Imma m'għandniex għalfejn nistennew raġunijiet ta' xi tiġrib kbir biex nikkultivaw relazzjoni ta' fiduċja ma' dan il-Martri Qaddis u Setgħan. Ejjew inkunu devoti ta' San Ġorġ ħalli, meta jiġi fuqna xi tiġrib tal-biża', inħossu l-faraġ tiegħu. J'Alla, dejjem, insibu l-faraġ tal-protezzjoni ta' San Ġorġ li, kif jassigurawna missirijietna, dejjem iħarisna!

---

... ikompli min paġna 1.

bl-ikbar għerf u dehen. Il-ġemgħa numeruża li mliet bi ħġarha l-maqdes katidrali, flimkien ma' numru kbir ta' saċerdoti, għal konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla għall-ministeru ta' l-isqof Cauchi, il-Ħadd 15 ta' Jannar, kienet biss sinjal ċkejken ta' dan. Fil-bażilika ta' San Ġorġ l-isqof Cauchi ċċelebra l-aħħar Ewkaristija uffiċjali tiegħu bħala dekan tal-kolleġġjata Lateranensi nhar il-Ħadd 1 ta' Jannar 2006, fis-solennità ta' Omm Alla.

**Min hu l-isqof Grech?**
Mario Grech twieled il-Qala, Għawdex, nhar l-20 ta' Frar 1957. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja Ta' Kerċem u iktar tard fil-*Liceo* tal-belt Victoria. Wara seba' snin ta' formazzjoni fis-seminarju ta' Għawdex hu ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Mejju 1984. Wara kompla jistudja fl-università tal-Lateran u f'dik pontifiċja ta' San Tumas ta' Aquino, f'Ruma, fejn irċieva d-dottorat fil-liġi kanonika. F'Ruma wkoll għamel ħidma pastorali fil-parroċċa ta' Santa Marija.

Lura f'Għawdex hu kien involut f'diversi ħidmiet fid-djoċesi ta' Għawdex, fosthom bħala PRO tal-kurja u mbagħad bħala vigarju ġudizzjali fid-djoċesi ta' Għawdex u mħallef tat-tribunal ekkleżjastiku ta' Malta. Fl-2004 ġie maħtur kappillan tal-parroċċa Ta' Kerċem.

**"In Fractione Panis"**
"Fil-Qsim tal-Ħobż" – dan hu l-vers li għażel l-isqof Grech, ispirat mil-ġrajja ta' Għemmaws (Lq 24:36), biex jiggwida lilu u lill-poplu ta' Alla tul l-epsikopat tiegħu. Vers tassew sinifikanti li, kif spjega hu stess waqt l-ewwel omelija uffiċjali tiegħu bħala dekan tal-kapitlu Ġorġjan, m'hux biss riferenza għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija – li fost l-ewwel Kristjani tal-Knisja appostolika kienet magħrufa proprju bl-isem tal-"Qsim tal-Ħobż" – imma wkoll għall-ħajja ta' kuljum tal-komunità Kristjana, li jeħtieġ issarraf f'azzjonijiet veri u konkreti l-"Qsim tal-Ħobż", li hu Ġesù l-Mulej. M'hix proposta faċli dik li qed ipoġġi quddiemna l-isqof il-ġdid tagħna, imma hi stedina sabiħa għall-għixien tal-Kelma u ta' l-Ewkaristija fil-ħajja ta' kuljum. U jidher kemm Mons. Grech jixtieq iqiegħed f'qalb

il-komunità Kristjana f'Għawdex is-sens veru ta' din il-Kelma. L-arma ta' l-isqof Grech ukoll tiffoka fuq din it-tema mill-Evanġelju. Ta' min isemmi s-sehem li kellu l-arċipriet tagħna, Mons. Ġużeppi Farrugia, fit-tfassil u t-tifsir teoloġiku tal-motto u anki l-arma ta' l-isqof il-ġdid, iddisinjata minn Dun Roberto Gauci (Ta' Kerċem).

Il-programm uffiċjali tal-bidu tal-ministeru episkopali ta' l-isqof Grech ma' l-ewwel daqqa t'għajn jindika mill-ewwel il-prijoritajiet li għażel għall-ħidma tiegħu: is-saċerdoti u l-familja. Dan joħroġ ukoll mill-ewwel ittra pastorali li kiteb lill-poplu ta' Alla u mill-ittra indirizzata lill-familji, li tqassmet f'kull dar Għawdxija; hu nnifsu wkoll dar personalment id-djar tas-saċerdoti kollha ta' Għawdex biex iwasslilhom l-istedina tiegħu għall-konsagrazzjoni tiegħu.

**Tħejjija għall-konsagrazzjoni episkopali**

Kemm hu sabiħ tara s-saċerdoti jiltaqgħu flimkien, bħal f'familja waħda! U ma setax ikun hemm post ieħor iktar adattat mis-santwarju Ta' Pinu, f'riġlejn il-verġni Marija, omm is-saċerdoti, biex il-kleru kollu ta' Għawdex jiltaqa' ma' l-isqof tiegħu. Kienet okkażjoni memorabbli dik tal-Ħamis 12 ta' Jannar 2006, li għaliha kien preżenti wkoll l-isqof Cauchi. Iż-żewġ isqfijiet dehru jagħtu l-bewsa tal-paċi lis-saċerdoti preżenti, f'mument emozzjonanti għal kulmin kien preżenti. It-Tlieta 17 fil-knisja parrokkjali Ta' Kerċem l-isqof iltaqa' wkoll mar-reliġjużi kollha ta' Għawdex f'ċelebrazzjoni sabiħa ta' talb.

Il-Knisja kollha ta' Għawdex riedet titlob għall-isqof Mario Grech, u dan għamlitu b'ġurnata ta' adorazzjoni u talb fil-knejjes parrokkjali kollha tagħha, nhar il-Ħamis 19. L-isqof Grech għadda l-ġurnata jdur dawn il-knejjes, jitlob flimkien mal-ġemgħa. Filfatt fost l-oħrajn hu ngħaqad mal-komunità parrokkjali tagħna f'mumenti ta' talb.

**Velja u konsagrazzjoni – ma ninsewhomx żgur**

Fl-opinjoni tiegħi l-aktar mument sabiħ ta' din l-esperjenza li għaddiet minnha l-komunità Kristjana f'Għawdex, fil-bidu tal-ministeru ta' l-isqof ġdid tagħha, jibqa' żgur dak tal-velja ta' talb, lejlet l-ordinazzjoni episkopali. Ir-rotunda tax-Xewkija ftit rat daqshekk nies fiha daqs dakinhar tas-Sibt 21 ta' Jannar. Ikolli ngħid li Għawdex kollu nġabar hemm biex jitlob għall-isqof il-ġdid tiegħu. M'inix kapaċi nispjega s-sbuħija ta' dak il-mument! Ngħid biss li velji ta' din ix-xorta jalla jsiru iżjed minnhom f'Għawdex. F'din il-vejla l-isqof Grech għamel il-wegħda ta' fedeltà tiegħu f'riġlejn in-nunzju appostoliku l-E.T. Mons. Félix del Blanco Prieto. Sar ukoll it-tberik taż-żejt ta' l-Ordni Sagri u ta' l-insinji episkopali: iċ-ċurkett, il-baklu u l-mitra. Fost l-oħrajn, rappreżentanti ta' kull parroċċa telgħu joffru t-talb tal-komunità rispettiva tagħhom għall-isqof il-ġdid, issimbolizzat fl-inċens jaqbad… il-parroċċa tagħna kienet irrappreżentata minn Antoine Vassallo u Rose Cefai.

M'hemmx bżonn nikkummenta wisq fuq dak li ġara nhar il-Ħadd 22 ta' Jannar 2006, jum ta' barka għal Għawdex, il-jum li fih Mons. Mario Grech ġie kkonsagrat isqof. Dan sar f'pontifikal mill-isbaħ fil-katidral ta' Għawdex, bil-konsagrant prinċipali jkun l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, predeċessur tiegħu. Żgur li wara li mlew Triq ir-Repubblika biex isellmu lill-isqof hu u tiela' l-katidral, akkumpanjat mill-familjari, is-saċerdoti u l-banda tal-pulizija, ħafna mill-Għawdxin ġrew għal quddiem it-televixin tagħhom biex isegwu l-funzjoni kollha u ma nqalgħux minn hemm qabel intemm kollox (il-funzjoni ġiet imxandra *live* fuq il-*PBS* u n-*Net TV*). L-istess ħafna Maltin. Għal din iċ-ċerimonja unika, barra d-diversi mistiedna, ħadu sehem ħames isqfijiet oħra flimkien ma' Mons. Cauchi, u ġew minn barra bosta saċerdoti tad-djoċesi. "L-Ispirtu tal-Mulej qed jistrieħ fuqi" – dan li beda jkanta l-isqof il-ġdid, bi tbissima qaddisa fuq wiċċu, wara d-dilka biż-żejt! Il-ħarsa tiegħu donnha riedet tiltaqa' ma' ta' kull wieħed mis-saċerdoti preżenti, issa wliedu… Wara ċ-ċelebrazzjoni liturġika l-festa kompliet bil-qsim ta' kejk kbir fil-pjazza tal-katidral u b'*repau* fil-kurja.

Il-programm ta' attivitajiet djoċesani ma waqafx hawn. Tul il-ġimgħa li segwiet l-isqof iltaqa' mas-saċerdoti msifrin li ġew apposta għall-konsagrazzjoni tiegħu, u għamel żewġ żjarat sbieħ – waħda fl-isptar ġenerali ta' Għawdex, fejn għadda kważi jum sħiħ mal-morda, l-istaff u anki l-kappillani ta' l-isptar, (l-għada żar ukoll id-djar ta' l-anzjani), u oħra fil-faċilità korrettiva ta' Kordin, f'Malta. L-aħħar mument djoċesan, li kien ukoll partikulari ħafna, kien il-Festa-Familja, nhar il-Ħadd 29, fil-Kumpless Sportiv, fil-belt Victoria. Ma kienx hemm fejn taqa' labbra, u l-isqof donnu ried ikellem lil kulħadd. Kienet il-laqgħa tiegħu mal-familji, li hu stess esprima x-xewqa li jagħtihom prijorità fil-ministeru ġdid li Alla fdalu. Din l-attività kienet imħawra b'mima, kant u żfin, fost *items* interessanti oħra, u fi tmiemha ngħata l-premju *Qalb tad-Deheb* tal-Moviment Ta' Kana.

**Iż-żjara pastorali f'San Ġorġ**

Tant l-isqof xtaq ikun qrib il-merħla ġdida tiegħu li, wara ċ-ċelebrazzjonijiet tal-konsagrazzjoni u l-ingress solenni tiegħu fid-djoċesi, mill-ewwel beda jagħmel iż-żjarat pastorali tiegħu fil-ħmistax-il parroċċa ta' Għawdex, biex jiltaqa' iktar mill-qrib mas-saċerdoti u l-familji. Dawn iż-żjajjar, filfatt, għadhom għaddejjin.

Il-parroċċa tagħna kienet l-ewwel waħda wara dik tal-katidral li laqgħet fiha lill-isqof għal dawn it-tlitt ijiem ta' żjara pastorali, bejn il-Ġimgħa 3 u l-Ħadd 5 ta' Frar 2006 – tlitt ijiem li ma ninsewhom qatt, u fissru x-xewqa ta' l-isqof li jkun qrib tagħna u dik tagħna li nkunu qrib l-isqof. L-isqof qagħad fuq il-mejda magħna, kif għamel Ġesù mad-dixxipli ta' Għemmaws, u ried jisma' l-preokkupazzjonijiet u t-tħassib tagħna. Ngħid għalija, m'hemmx xbieha isbaħ ta' l-isqof min din… tabilħaqq waħda "pastorali". Għal dawn it-tlitt ijiem il-kumitat organizzattiv, li kien ilu jiltaqa' minn qabel biex iħejji żjara li tħalli l-frott u turi lill-isqof il-wiċċ veru tal-parroċċa, ippubblika programm apposta – liturġiku, pastorali u kulturali – li tqassam bħala stedina lill-familji kollha tal-parroċċa. Kif semmejt il-programm kien maħsub li jlaqqa' lill-isqof mal-kategoriji parrokkjali kollha.

**Jiltaqa' ma' kulħadd, mill-kbir saż-żgħir – anzjani, żgħażagħ u tfal**

Iż-żjara bdiet il-Ġimgħa fil-għodu b'dawra mat-toroq tal-belt Victoria u żjajjar lil xi morda u anzjani fi djarhom, fosthom Mons. Anton Grech Vella, teżorier tal-kapitlu Ġorġjan, li


L-ewwel laqgħa ta' l-isqof il-ġdid mat-tfal tal-parroċċa: 03.02.06 - 5.00pm

ilu sew ma joħroġ minn daru minħabba l-kundizzjoni ta' saħħtu. L-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia kien diġà fetaħ il-programm biċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija fit-8.15, u warajha ssoktat l-adorazzjoni.

Kmieni wara nofsinhar il-knisja mtliet sa ruħ ommha bit-tfal taċ-ċentri tad-duttrina għal ċelebrazzjoni sabiħa ma' l-isqof, animata minn Pauline Grech, superjura tal-*Museum*. Xi tfal ukoll resqu jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom lill-isqof, u l-isqof, bis-sempliċità kollha, qagħad iwieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu.

Imbagħad, kif wera x-xewqa l-isqof innifsu, wara li ġie milqugħ uffiċjalment fil-bażilika, fis-18.00 huwa ċċelebra l-Għasar flimkien mal-kapitlu u l-komunità kollha. Hi ħasra li l-poplu tagħna għadu ma fehemx biżżejjed is-sbuħija u l-importanza tat-talba tal-Liturġija tas-Sigħat fil-ħajja tal-Knisja kollha. Għalhekk kien ta' inkuraġġiment tara knisja mimlija bin-nies... Kif smajt min jgħid, in-nies aktar ġew biex jaraw lill-isqof, imma l-isqof innifsu ried iwassal messaġġ lill-komunità Kristjana meta ried jitlob magħha l-Għasar: hu ried jurina l-importanza ta' din it-talba liturġika.

Mument uniku kien dak taċ-ċelebrazzjoni flimkien maż-żgħażagħ, il-Ġimgħa fil-għaxija, fit-20.30. Din ukoll saret fil-bażilika u għaliha l-membri tal-grupp taż-żgħażagħ tal-parroċċa *23four* kienu ilhom iħejju żmien twil. Il-parti liturġika ta' din il-laqgħa – b'qari, talb u kant – saret fuq il-presbiterju, madwar l-altar, fejn iż-żgħażagħ kollha nġabru kokka fl-art, fuq tapit imqiegħed apposta, madwar l-isqof. Kienu ż-żgħażagħ stess li ħejjew l-ambjent kollu għall-okkażjoni, b'Salib imqiegħed fuq it-taraġ ta' l-altar u mdawwar bi ċraret ta' ħafna kuluri u x-xemgħat, fuq stil *Taizé*. L-iktar ħaġa inkuraġġanti kienet il-fatt li għal din il-laqgħa attendew qrib il-mija, numru sabiħ ħafna, l-aktar meta qed nitkellmu fuq iż-żgħażagħ. Din iċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma u l-Ewkaristija kella t-tema *Magħqudin miegħek fil-Qsim tal-Ħobż* – tabilħaqq ix-xewqa taż-żgħażagħ kienet li jiltaqgħu ma' l-isqof huma wkoll u jaqraw fi kliemu r-rieda ta' Ġesù għalihom, għax iż-żgħażagħ għadhom jixtiequ jsiru jafu lil Kristu! Iż-żgħażagħ kellhom ukoll il-ħin li jitkellmu ma' l-isqof u juruh il-fehmiet tagħhom fuq il-Knisja u fuq dak li jħassibhom. Dan anki waqt *repau* ċkejken li sar wara; kienet ukoll attività ta' natura soċjali. Il-grupp ippreżenta lill-isqof kwadru bil-firem tal-membri kollha tiegħu, u bir-ritratt ta' wieħed mill-*panels* tal-bieb tal-bronż tal-bażilika, li juri l-komunità Kristjana tiċċelebra l-Ewkaristija, bil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fl-isfond; l-isqof wera li apprezza ħafna din it-tifkira ħierġa mill-qalb.

## Mas-saċerdoti u l-operaturi pastorali

Is-Sibt fil-għodu, wara konċelebrazzjoni bil-Latin immexxija mill-*camerlengo* tal-Lateran, saret assemblea parrokkjali fl-awla *Mons. Giuseppe Farrugia*. Kien mument importanti ħafna għax kulmin ried seta' jwassal il-fehmiet tiegħu għand ir-ragħaj tad-djoċesi. Filfatt tqajmu bosta argumenti interessanti. L-isqof kien attent ferm għal kull preokkupazzjoni li ntweriet, u kien preżenti biex jisma' dak li riedu jgħidu d-diversi rappreżentanti tal-ħidma pastorali fir-Rabat u kollaboraturi fl-għalqa parrokkjali. Naħseb li minn din l-assemblea b'mod partikulari ħarġet ir-realtà tas-sitwazzjoni inkwetanti tal-pastorali fil-belt Victoria u l-ħtieġa ta' iktar saċerdoti għas-servizz tal-parroċċa. Qrib nofsinhar l-isqof għamel żjara fil-bini tar-radju tal-komunità *Leħen il-Belt Victoria* u ta l-messaġġ tiegħu lis-semmiegħa.

Fost l-isbaħ mumenti li Mons. Grech għadda fil-parroċċa



*Laura Grech qegħda tintervista lil Mons. Mario Grech fl-istazzjon tal-kommunità 'Leħen il-Belt Victoria'. 04.02.06 - 12.15am*

tagħna nixtieq insemmi l-pranzu flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa u r-reliġjużi preżenti fil-belt Victoria. Is-saċerdoti huma preżenza indispensabbli fil-ħajja parrokkjali, u l-għaqda bejniethom hi minjatura ta' dik li għandha teżisti fil-parroċċa. Din l-ikla flimkien ma' l-isqof saret iżjed sinifikattiva minħabba l-post li fih saret, is-sala ġdida u arjuża tad-dar il-ġdida tas-saċerdoti. Iżżanżnet ukoll il-kċina l-ġdida ta' din il-binja l-ġdida taċ-ċentru parrokkjali. L-isqof innifsu, f'din l-ikla "fraterna" mas-saċerdoti, esprima s-sodisfazzjon kbir tiegħu għal mument sabiħ bħal dak, u reġa' semma l-prijorità tiegħu għas-saċerdoti. Il-laqgħa mas-saċerdoti kompliet formalment f'laqgħa mal-presbiterju parrokkjali fl-awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, kmieni filg-ħaxija.

## Imlaqqa' ma' l-aspett kulturali tal-parroċċa

Iż-żjara ta' Mons. Grech kompliet fil-każin tat-*Teatru Astra*, is-sede uffiċjali tas-Soċjetà *La Stella*. L-isqof kien milqugħ mill-president is-sur Dolindo Cassar u mill-ġemgħa preżenti, flimkien mad-daqq tal-banda. Hu ġie mdawwar mal-bini kollu, speċjalment mat-teatru rrestawrat, u kompla jiltaqa' informalment mal-familji tal-bandisti u membri ta' l-organi l-oħra tas-soċjetà.



*Il-laqgħa taż-żgħażagħ ma' Mons. Mario Grech. 03.02.06 - 9.00pm*



*Kunċert imtella' bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħatra ta' Mons. Mario Grech bħala Dekan tal-Kolleġġjata. 04.02.06 - 8.00pm*

Is-Sibt fil-għaxija, fit-20.00, ittella' kunċert ta' mużika barokka Maltija fil-bażilika, taħt il-patroċinju ta' l-isqof Grech, u bis-sehem tal-kor *Laudate Pueri*, solisti u orkestra taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-bażilika. Dan il-kunċert ġie organizzat mill-*Victoria International Arts Festival Foundation*. "Bil-kant u l-mużika tagħkom għintuni nitlob", stqarr l-isqof Grech fi tmiem il-kunċert. Wara dan il-kunċert l-isqof sab il-ħin biex jiltaqa' personalment ma' ħafna mill-mistiedna, waqt *repau* fl-awla. B'dan il-kunċert prestiġjuż u biż-żjara ta' l-isqof Grech fil-bini uffiċjali tas-Soċjetà *La Stella*, il-parroċċa riedet turi lill-isqof il-wiċċ kulturali tagħha, li fih, bħal fl-aspett liturġiku, ikollna ngħidu, tispikka sew!

**Dekan tal-kolleġġjata**

Iż-żjara pastorali ta' l-isqof Grech fil-parroċċa tagħna ma kinitx sempliċi żjara pastorali bħal fil-parroċċi l-oħra. Dan għax kienet ukoll okkażjoni biex l-isqof Grech għamel il-pussess u l-ingress solenni tiegħu bħala t-tieni dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana. Fid-digriet tat-twaqqif tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ fl-1975, l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, l-ewwel dekan, kien irriserva għalih u għas-suċċessuri tiegħu l-ewwel dinjità ta' dekan tal-kolleġġjata urbana. Dan ifisser li l-E.T. Mons. Mario Grech mal-ħatra tiegħu bħala t-tmien isqof ta' Għawdex sar ukoll *ex officio* dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana. Il-bażilika tagħna hi aggregata ma' l-arċibażilika ta' San Ġwann Lateran, f'Ruma, li hi s-sede tal-papa, u għalhekk, għal din l-okkażjoni ġew mistiedna żewġ rappreżentanti tal-kapitlu metropolitan tal-Lateran: Mons. Vincenzo Zinno, *camerlengo*, u Mons. Alfredo Bona.

L-iktar mument importanti ta' din iż-żjara pastorali, l-ewwel waħda ta' l-isqof Grech fil-parroċċa tagħna, allura, kien dak tal-pontifikal solenni tal-Ħadd 5 ta' Frar 2006, fil-għodu. Mons. Grech intlaqa' mill-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia fil-pjazza ta' San Ġorġ għall-ħabta ta' l-10.15, waqt li l-marċi tal-banda *La Stella* tħalltu mad-daqq melodjuż tal-qniepen ta' *Baricozzi*. Kienet xena tabilħaqq impressjonanti, waqt li l-isqof Grech daħal fit-tempju Ġorġjan, milqugħ fil-bieb mill-membri tal-kapitlu u l-kleru Ġorġjan. Fuq il-bieb tal-bażilika, flimkien ma' l-arma ta' l-arċibażilika tal-Lateran u dik tal-papa Benedittu


Waqt il-pontifikal solenni fil-bażilika ta' San Ġorġ. 05.02.06 - 11.00am

XVI issa hemm imwaħħla wkoll l-arma ta' l-isqof Grech.

Wara żjara lil Ġesù Ewkaristija fil-kappella tiegħu, l-isqof, imdawwar bil-kapitlu, qagħad bilqiegħda fuq il-presbiterju, fejn sarulu erba' indirizzi f'isem il-kategoriji kollha tal-komunità: Abigail Ann Sultana f'isem it-tfal, Michael Formosa f'isem iż-żgħażagħ, il-familja Micallef f'isem il-familji kollha tal-parroċċa, u Antoine Vassallo f'isem il-kunsill parrokkjali. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia għamel indirizz ta' merħba lill-isqof. Hawn l-arċipriet libbes uffiċjalment l-insinja kapitulari lill-isqof, fost iċ-ċapċip tal-ġemgħa li ħonqot il-knisja minn kmieni.

Iċ-ċerimonja tal-pussess kompliet bil-kant tat-Talba ta' Nofs il-Jum, magħruf bħala t-Terza. Dan sar fil-kor tal-bażilika, wara l-altar, fejn il-kapitlu regolarment jitlob il-Liturġija tas-Sigħat. Kien hawn li l-isqof poġġa bilqiegħda fuq is-sedja rriservata għalih, l-ewwel waħda fost is-siġġijiet tal-kanonċi.

Wara t-Terza, fil-11.00, beda l-pontifikal solenni, ippresedut mill-isqof u bis-sehem tal-membri tal-kapitlu Ġorġjan, iż-żewġ rappreżentanti tal-kapitlu Lateranensi (li assistew), il-kleru ta' San Ġorġ u bosta saċerdoti oħra. Il-kant kien animat mill-kor *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni ta' Dun George J. Frendo. Għal din il-funzjoni kienu preżenti diversi mistiedna distinti, fosthom il-president ta' Malta Dr Edward Fenech Adami, il-prim ministru Dr Lawrence Gonzi, l-ispiker tal-kamra tad-deputati l-Onor. Anton Tabone, il-ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono, il-membri ta' l-Ordni Sovran Militari u Ospidalier ta' San Ġwann, u bosta mistiedna oħra, fosthom il-familja ta' l-isqof, li tiffrekwenta ħafna din il-parroċċa. Żgur li nkun nesprimi s-sentimenti ta' kulħadd jekk ngħid li minkejja li din il-funzjoni damet fuq sagħtejn u nofs, ħadd minn dawk fil-knisja ma nduna kif il-ħin għadda daqshekk malajr! Jibqgħu f'qalbna l-kelmiet ta' l-isqof Grech waqt l-omelija mill-isbaħ tiegħu: "Hawnhekk qed inħossni *at home*"! Wara l-konċelebrazzjoni l-isqof Grech kellu l-aħħar ftit ħin ta' laqgħa informali ma' dawk li mlew il-knisja għall-pontifikal, kemm barra l-bieb tal-knisja u kemm fl-awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.


Delegazzjoni għolja tal-kapitlu ta' l-arċibażilika papali tal-Lateran magħmula minn Mons. Vincenzo Zinno, camerlengo ta' l-istess kapitlu u Mons. Alfredo Bona. F'dan ir-ritratt jidhru jgħaddu messaġġ lil Mons. Mario Grech. 03.02.06 - 7.00pm

**Ħajr**

Ta' min ifaħħar l-inizjattiva ta' dawk kollha li għenu fit-tħejjija ta' din iż-żjara pastorali li, verament, kienet iktar minn sempliċi żjara! Kienet mument imprezzabbli ta' laqgħa tal-komunità kollha mar-ragħaj tad-djoċesi, xbieha viżibbli tar-Ragħaj il-kbir... ma' dak li Alla għażel biex idawwal il-poplu tiegħu f'din il-gżira ċkejkna ta' Għawdex. Il-kumitat enerġetiku ta' xi ħmistax-il ruħ li ħejja l-programm, flimkien ma' bosta voluntiera oħra, kien tabilħaqq strumentali f'dan kollu. Għal din l-okkażjoni l-parroċċa ppubblikat ukoll ktejjeb apposta biċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi l-kbar tul dawk it-tlitt ijiem, biex hekk il-kongregazzjoni kollha setgħet issegwi, anzi, tieħu sehem sħiħ fil-liturġija kollha. Dan flimkien ma' *postcard* u xi santi li fakkru l-okkażjoni. Kemm ir-radju komunitarju u kemm il-websajt parrokkjali żammew lill-pubbliku infurmat b'dak kollu li kien qed iseħħ, minkejja l-ħsarat li għal xi jiem inqalgħu f'din ta' l-aħħar.

"Imbierek min ġej f'isem il-Mulej"... Grazzi mill-qalb, Eċċellenza, tal-laqgħa tiegħek magħna. Fik aħna għarafna lill-Mulej Ġesù, li permezz tiegħek ried jimxi t-triq magħna u jfissrilna l-Kelma, jidħol fid-dar tagħna u joqgħod bilqiegħda magħna fuq il-mejda, biex iħallina nagħrfuh fil-Qsim tal-Ħobż.

Indirizz ta' merħba min

# Mons. Ġużeppi Farrugia

Arċipriet



Ilqa', Eċċellenza Reverendissima, dawn il-kelmiet ta' merħba li t-tfal, iż-żgħażagħ, il-familji Nsara li jsawwru l-Komunità Nisranija tagħna, u li l-istess poplu Nisrani fit-totalita' tiegħu qed joffrulek f'dan il-jum solenni tal-preżenza ġdida tiegħek fostna. Il-merħba qaddisa li qed jagħtuk huma, hija l-istess merħba li rrid nagħtik jien bħala l-qaddej tiegħek fit-tmexxija pastorali tas-Sid Divin tagħna, Ġesù Kristu, u f'isem ir-Rev.mi membri tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata kif ukoll, u mhux inqas, f'isem is-saċerdoti ta' din il-knisja parrokkjali li ma għandhom bżonn tiftaħar b'xejn ħlief bl-għarfien li hi tabilħaqq il-qaddejja tal-qaddejja kollha ta' Alla f'din il-gżira.

Nilqgħuk, għażiż Ħuna l-Kbir, skond il-mandat mogħti lilek minn Ġesù li, permezz tal-Vigarju tiegħu, l-Imqaddes Missier tagħna Benedittu XVI, għażlek biex tkun l-Isqof tagħna, għażla għaqlija li hu għamel imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu u wara li sema' l-fehmiet tagħna s-saċerdoti u l-lajċi li niffurmaw il-Knisja Lokali f'din il-gżira.

Nilqgħuk bħala suċċessur ta' l-appostli, li hi s-sejħa partikulari tiegħek u li inti tgawdi f'għaqda sħiħa mal-membri l-oħra tal-Kulleġġ Episkopali miġmugħa fil-lealta' lejn il-Papa u f'komunjoni miegħu.

Nilqgħuk fil-kontinwazzjoni ta' l-imħabba tal-poplu Għawdxi lejn ir-rgħajja spiritwali tiegħu fuq medda ta' kważi elfejn sena, rgħajja li għal mijiet ta' snin kienu jgħixu 'l bogħod minn xtutna imma li kienu jagħmlu lilhom infushom preżenti għall-Għawdxin permezz ta' saċerdoti magħżula u meritevoli, bħalma kien Dun Lawrenz de Apapis, predeċessur tiegħi fis-seklu 16 f'din il-Parroċċa ta' Għawdex.

Nilqgħuk fis-suċċessjoni episkopali ta' din id-djoċesi, mibdija mill-Beatu Piju IX meta għażel lil Dun Franġisk Buttigieg, arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Kastell u Kappillan tal-Parroċċa tar-Rabat iddedikata lil San Ġorġ, bħala l-ewwel isqof t'Għawdex, u bħala tali fil-qalba ta' din il-Parroċċa wettaq sa l-aħħar il-missjoni tiegħu, u bħalu dawk li ġew warajh, uħud minnhom mgħammdin fil-fonti tagħha.

Nilqgħuk, Eċċ. Rev.ma, fis-sejħa għolja magħmula lilek minn Kristu biex tkun ir-Ragħaj tal-merħla tiegħu ffurmata f'din il-gżira sabiex, fuq quddiem nett tar-rgħajja kollaboraturi tiegħek, tindukraha u tieħu ħsiebha. Nilqgħuk bħala s-Sajjied mibgħut minn Kristu biex taqdef fl-ibħra fondi u mqallba ta' żminijietna ħalli titfa' x-xibka salvatriċi tiegħu fi stedina għall-bnedmin kollha biex iħallu rwieħhom jinqabdu fit-tgħannieqa ħelwa ta' Kristu. Nilqgħuk bħala s-Saċerdot il-Kbir mogħti lilna biex, permezz tas-saċerdozju parteċipat tiegħek, tqadddisna, jiġifieri tagħmilna dejjem aktar ta' Alla, illustrazzjoni ta' l-imħabba tiegħu u membri li jixirqilhom tas-saltna tiegħu.

Iva nilqgħuk, Eċċ. Rev.ma, fil-misteru tiegħek kollu bħala isqof ta' Għawdex u għalhekk ma nistgħux ma nifirħux il-lum, meta, fil-koronament tal-jiem taż-żjara pastorali tiegħek fil-Belt Victoria, inti qed tieħu pussess solenni bħala Dekan u l-Ewwel Dinjita' ta' din il-Kolleġġjata, it-tieni wieħed wara l-maħbub predeċessur tiegħek, l-Eċċ. Rev.ma Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex u Dekan Emeritu tal-Kolleġġjata, il-fundatur ta' din il-Kolleġġjata Lateranensi u l-Ewwel Dekan tagħha.

Waqt li aħna, il-Komunità Nisranija hawnhekk imżejna bil-preżenza għolja ta' l-Eċċ. T. Dr Edward Fenech Adami, President ta' Malta, nagħtuk merħba, nitolbu fuqek, Eċċ. Rev.ma l-barka t'Alla, l-imħabba ta' Marija Immakulata, u l-ħarsien ta' San Ġorġ, li fil-providenza tiegħu Alla l-Imbierek tahulna biex iħarisna, il-poplu tiegħu f'din il-gżira.

Iva, bierek, o Alla, lill-Isqof tagħna Mario, u agħtih il-grazzji kollha li għandu bżonn biex ikun il-Vigarju mixtieq minnek ta' Ibnek Ġesù, fostna.

Sawwab imħabbtek, o Mqaddsa Verġni Marija, Immakulata u Assunta, fuq l-Isqof tagħna Mario, u nitolbuk, kompli żejjen il-qalb tiegħu bil-ħlewwa u l-ġenerożita' li diġà wera magħna u fostna fil-jiem ta' l-ewwel żjara pastorali tiegħu b'ferħ kbira tagħna.

Żomm il-ħarsien tiegħek, San Ġorġ, nitolbuk bil-kunfidenza ta' aħwa ma' ħuhom il-kbir tas-sema, fuq l-isqof tagħna Mario, li l-lum, fil-bidu tal-pellegrinaġġ tiegħu bħala Isqof tagħna, qed iżur il-maqdes tiegħek u qed jippresjedi l-ewwel l-Qsim tal-Ħobż Solenni bħala d-Dekan tal-Kolleġġjata tiegħek.

Iva, San Ġorġ, Protettur ta' l-Għawdxin, żomm il-ħarsien tiegħek fuq il-persuna li l-lum saret l-ewwel waħda fostna l-Għawdxin, u għalhekk l-ewwel li jixirqilha l-ħarsien tiegħek u, nieħu l-okkażjoni bħala saċerdot li ma jħobbx jitlef okkażjonijiet, ibqa' kun San Ġorġ is-simbolu li dejjem kont ta' l-identità Għawdxija f'poplu li m'hux biss Malti, imma Malti u Għawdxi, għalkemm, fuq kollox, Nisrani u għalhekk tolleranti fin-niżġa tal-fehmiet u ġeneruż fl-imħabba sa l-aħħar.

Merħba, Eċċ. Rev.ma. Aħna ferħanin bik. Aħna disponibbli għalik. Aħna, il-lum, għandna aktar mill-bieraħ għaliex irroddu ħajr lil Alla minħabba fik.

Merħba f'dan il-qsim tal-ħobż fl-imħabba. Merħba... u ibqa' dejjem magħna.

**Indirizz ta' merħba minn**
## Antoine Vassallo
**f'isem il-Kunsill Parrokkjali**



Eċċellenza Reverendissima

Għandi l-unur nagħtik merħba f'din l-għodwa hienja fl-okkażjoni tal-pussess tiegħek bħala t-tieni dekan tal-kolleġġjata - dan nagħmlu f'isem il-membri tal-Kunsill Parrokkjali u l-organi l-oħra, f'isem din l-assemblea mmexxija minn dinjitarji ċivili li jikkonfermaw il-post ċentrali tad-don nisrani fis-soċjeta' tagħna, f'isem tant li joffru ħinhom u r-riżorsi tagħhom fil-bażilka u madwar ir-Rabat, f'isem il-lajċi organizzati fl-apostolat, f'isem tant ta' kull eta' li jaħdmu fil-volontarjat, f'isem il-ħafna li qegħdin isegwuna permezz tar-radju u l-internet

Qegħdin nersqu lejn il-konklużjoni ta' din l-ewwel żjara pastorali tiegħek fil-parroċċa tagħna. Kienu jiem mimlija li probabbli għejjewk iżda, kif kienu l-intenzjonijiet ta' talbna, rajnihom bħala okkażjoni ta' grazzja; nittamaw li offrewlek opportunità li tiltaqa' mad-diversi kategoriji u individwi biex tapprezza r-realtà iktar sħiħa - bl-aspetti kollhom dawl, iżda mhux esklużi d-dellijiet. Il-knisja ta' San Ġorġ ma toffrix servizzi lill-parruċċani tagħha biss - naħseb qatt ma kienet tar-Rabat u xejn iktar; l-istess kif San Ġorġ ma hux il-patrun ta' ċirku ristrett! Kif intqal il-bierah waqt l-Assemblea parrokkjali preseduta minnek, għandna mikrokożmu tad-djoċesi.

Eċċellenza, bl-ingliż jgħidu *"welcome to our humble abode"* - oġġettivament, dan l-aġġettiv ma tantx hu addattat għal dan il-maqdes dehbi! Dawn ix-xahrejn smajniha ta' spiss: Dun Mario seraq qlub kulħadd. Missier u Ragħaj tagħna nikkonfermalek: ilqajniek f'qalbna - u fi djarna. U dan it-tempju għażiż jissimbolizza d-djar u l-familji kollha!

Xtaqt illum nitolbok umilment f'isimna lkoll: wasslilna tagħlim ġenwin; ara li ma nibqgħux passivi quddiem tant attakki sfaċċati jew fini; ħeġġiġna biex inkunu proattivi f'dinja tinbidel bl-għaġġla; ara li jkollna l-għajnuna meħtieġa; għinna għall-koordinament tal-ħidma pastorali.

Bla biża' li qed nażżarda ż-żejjed, inwiegħek talbna; noffrilek id-disponibilità u l-kollaborazzjoni ta' ulied fidili.

---

**Indirizz ta' merħba minn**
## Mrs Francine Micallef
**f'isem żewġha u wliedha**
**u f'isem il-familji tal-Parroċċa**



Eċċellenza Reverendissima,

Jiena, żewġi u l-familja tagħna, nagħtuk merħba f'isem il-familji kollha tal-Komunità Parrokkjali ta' San Ġorġ.

Nixtieq infissirlek il-ferħ tagħna li, sa mill-bidu ta' l-għażla tiegħek bħala isqof, inti għidtilna li tqis il-familji bħala prijorità fil-ministru pastorali ġdid tiegħek. Dan hu ta' faraġ għalina l-miżżewġin u l-ġenituri Nsara u jimliena bil-ħeġġa biex insaħħu l-impenn tagħna ħalli, permezz tal-Parroċċa, insiru aktar integrati u apprezzati fil-Knisja lokali.

Aħna nħossu li l-familji huma kategorija soċjali importanti fil-ġemgħa Nisranija, u minn din il-kategorija tiddependi l-istess komunità Nisranija. Għalhekk jagħmlilna kuraġġ l-impenn tiegħek, u allura l-impenn ukoll tal-Parroċċa, li se tgħinuna biex ngħixu s-sejħa tagħna bħala familji Kattoliċi. Min-naħa l-oħra aħna nħossu li għandna kontribut x'nagħtu fl-evanġelizzazzjoni ġdida tas-soċjetà li minnha aħna stess nifformaw parti.

Aħna, il-familji li f'din il-belt nagħmlu mill-Komunità Kattolika, inwiegħduk il-kollaborazzjoni tagħna fil-ħidma tiegħek qalb il-familji tal-gżira tagħna u nirringrazzjawk minn issa għal dak kollu li ser tagħmel għalina. Aħna se nfittxuk, se nitkellmu miegħek, se naqsmu l-inkwiet tagħna miegħek u m'aħniex se nħalluk bi kwietek. Għax għandna bżonn, tabilħaqq, l-għajnuna tal-Knisja kollha fis-sejħa tagħna bħala familji Nsara.

Nagħtuk merħba, Eċċellenza, bħala l-Isqof tad-Djoċesi tagħna, bħala d-Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana u bħala r-ragħaj spiritwali li se ssaħħaħ il-ħidma fostna ta' l-arċipriet u s-saċerdoti tagħna.

Inwiegħduk li se nitolbu għalik dejjem fil-familji tagħna. Din hi wiegħda li se nżommuha u se nrawwmu wkoll lil uliedna fiha.

***Indirizz ta' merħba minn***

## *Michael Formosa*

***f'isem iż-Żgħażagħ tal-Parroċċa***



"Jiena qegħidt il-kuruna fuq ras wieħed qalbieni; ħtart żagħżugħ u għollejtu fuq il-poplu, tkun idi dejjem miegħu, it-tjieba tiegħi nżommha fuqu għal dejjem, u l-patt tiegħi miegħu jibqa' sħiħ" (Salm 89).

Mess lili wkoll insellimlek, f'din l-għodwa sabiħa, tislima mill-qalb minn parroċċa żagħżugħa... żagħżugħa, iva, mhux biss għax fiha preżenti ż-żgħażagħ, iżda għaliex minkejja li t-tnissil tagħha jiftakar iż-żgħożija tal-Kristjaniżmu fi gżiritna, żagħżugħa baqgħet fl-ispirtu ta' tiġdid u inizjattivi li dejjem għarfet twettaq kemm għall-poplu ta' beltna u kemm għal dak ta' gżiritna.

Parroċċa li tifraħ, għalhekk, meta l-Mulej, bħalma għamel ma' David, jogħġbu jsejjaħ lil xi ħadd mill-ħbieb tagħha, mimli bi spirtu u mħabba żagħżugħa, biex imexxi l-poplu tiegħu.

Għalhekk, Eċċellenza, inkompli ntenni l-merħba li tajniek fil-laqgħa li aħna kellna x-xorti li nagħmlu miegħek fl-ewwel ġurnata taż-żjara pastorali f'din il-parroċċa.

Tislima li, għalkemm qed toħroġ minn fommi, żgur qiegħda fil-qalb taż-żgħażagħ hawn preżenti, tas-seminarsti tal-parroċċa tagħna, tal-grupp *23four* taż-żgħażagħ tal-parroċċa, tal-qassisin żgħażagħ tal-parroċċa li qed jaħdmu lil hinn minn xtutna, tal-membri żgħażagħ tal-kor tal-parroċċa tagħna *Laudate Pueri*, taż-żgħażagħ bandisti tal-banda *La Stella* u partitarji ta' din is-soċjetà mużikali ewlenija, taż-żgħażagħ tal-parroċċa – studenti u ħaddiema, tal-mijiet ta' żgħażagħ studenti universitarji u oħrajn ħaddiema f'Malta mill-parroċċa tagħna... tislima ta' merħba miż-żgħażagħ Ġorġjani!

U għax żagħżugħa fl-ispirtu, il-parroċċa tagħna kostantament qed tfittex li ġġedded ruħha biex, għada wkoll, bħalma kienet minn dejjem, tkompli s-servizz ta' qadi u ħidma...

Parroċċa li fik tara r-ragħaj it-tajjeb li jagħraf u jħobb il-merħla tiegħu, fik tilmaħ spirtu ta' tiġdid żagħżugħ li kapaċi jġedded iżda le jbiddel il-messaġġ ta' l-Evanġelju.

Parroċċa li minnek tistenna l-għajnuna biex ir-rgħajja assidwi tagħha jkunu jistgħu jkomplu l-ministeru u l-ħidma, speċjalment fl-oqsma tal-ħidma maż-żgħażagħ.

Minnek tistenna preżenza li, kif rajt int, kienet daqshekk apprezzata f'dawn l-ewwel jiem tal-ministeru tiegħek, u f'din l-għodwa sabiħa ġagħlet lilna lkoll inħallu djarna biex inkun hawn preżenti miegħek f'dan il-mument tant importanti.

Fl-aħħar ma nistax ma ndurx fuqek, San Ġorġ, patrun tagħna, u f'isem din il-miġemgħa nitlob il-protezzjoni setgħana tiegħek fuq ir-ragħaj il-ġdid tagħna, li bħal David il-Mulej għoġbu jagħżel.

Aħna, li ma għandniex dubju mill-imħabba u l-għożża tiegħek lejn il-protettur ta' gżiritna, għax tberren f'moħħna għadha, Eċċellenza, il-memorja ta' seba' xhur ilu, meta fil-festa tal-patrun ta' beltna nsiġt l-isbaħ kuruna ta' tifħir u tagħlim matul it-tlitt ijiem ta' preparazzjoni għall-festa. Iva... *"Tu hai brillato, con un splendore senza uguale, hai abbellito i mortali con i raggi divini"*.

Illum, Eċċellenza, intennu din it-tislima bħala l-awguri tagħna għall-ministeru tiegħek.

Tippermettili, Eċċellenza, li f'dan il-mument ekkleżjali singulari għall-parroċċa tagħna, li magħha l-predeċessuri tiegħek kellhom relazzjoni speċjali, u, li b'rikonoxxenza u turija għal dan irriservaw l-ogħla dinjità fil-kulleġġ kapitulari tagħha, għalihom, illum għalik u s-suċċessuri tiegħek, intemm dan l-indirizz tiegħi f'kuntest storiku billi ntenni dak li l-predeċessur tiegħek, l-isqof Camilleri, ftit aktar minn mitt sena ilu kiteb lill-insara ta' din il-djoċesi...

"Aħna rridu b'mod speċjali nitkellmu magħkom, ulied ta' din l-belt Victoria, għaliex Ġorġi hu l-patrun partikulari tagħkom, u mbagħad magħkom ukoll, o nsara tad-djoċesi tagħna, li tant minħabba fin-nisel tal-parroċċi tagħkom kemm ukoll minħabba l-interessi tagħkom f'din il-belt, hija ħaġa wisq xierqa li tagħtu ġieħ lit-titular ta' din il-knisja, mnejn intom tafu ġid kbir tar-ruħ".

***Indirizz ta' merħba minn***

## *Abigail Ann Sultana*

***f'isem it-tfal tal-Parroċċa***



Eċċellenza,

F'isem it-tfal kollha ta' San Ġorġ nagħtuk merħba bħala r-ragħaj il-ġdid tagħna.

Aħna fraħna meta fit-22 ta'Jannar 2006 inti ġejt midluk, biex tkun ir-ragħaj spiritwali tagħna. Ħadna ħafna pjaċir narawk tiġi kkonsagrat Isqof. Dak in-nhar kulħadd qagħad issummat quddiem it-televiżjoni biex jara ċ-ċerimonja tant sabiħa tal-Maħbub Isqof tagħna.

Aħna rridu nkunu lejali lejn il-kelma tiegħek għax meta nobdu lilek inkunu qed nagħmlu r-rieda t'Alla f'din l-art. Jeħtieġ li nitolbu għalik biex il-Mulej flimkien ma' San Ġorġ jagħtik id-dehen, il-kuraġġ u l-qdusija biex tkun tista' tmexxi sew l-merħla tiegħek.

Int bħal Ġesu' ser tieħu ħsiebna biex nikbru fl-imħabba t'Alla u bejnietna. Minn hawn ningħarfu kemm inkunu komunità b'saħħitha, speċjalment meta lil Ġesu' fil-batut u fil-fqir ta' kull xorta.

Ningħaqdu miegħek illum biex il-Mulej jagħmel minnek Isqof mimli bil-preżenza t'Alla, bniedem ta' talb u għajnuna lil min hu fil-bżonn.

Grazzi Ġesu' li tajtna lil Isqof Mario Grech bħala l-mexxej tagħna. Nitolbu l-barka tiegħek.

# Rokna għat-Tfal

Kif intom tfal!
Għal darb'oħra qed niltaqa' magħkom biex nitkellmu ftit flimkien u nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lejn dak li għadda minn għalina. Żgur li spikkat l-għażla ta' l-Isqof il-ġdid Mons. Mario Grech, imwieled il-Qala fl-20 ta'Frar 1957, iżda trabba u kiber fir-raħal ta'Kerċem fejn spiċċa kappillan.

Għadna wkoll kemm ħriġna mill-festi popolari u folkloristiċi tal-Karnival. Żgur li ħafna minnkom ħadu sehem u ddevertew. Sewwa għamlu għax għalhekk jiġi dan iż-żmien. Fil-ħajja hemm żmien għal kollox, l-importanti li jkollkom *time table* biex il-ħin tal-ġurnata tqassmuh bil-għaqal. F'dan iż-żmien jiġu l-eżamijiet ta' nofs is-sena li jagħtuna indikazzjoni tajba kif aħna sejrin fl-iskola. Ir-riżultat jurina aħniex sejrin 'il quddiem inkella għamilniex bħal granċ - morna lura.

Issa deħlin għal żmien sabiħ u għażiż tas-sena: ir-Randan, li din is-sena jibda fl-1 ta'Marzu. Sewwa kieku nżommu drawwa qadima li tant kellhom għal qalbhom missirijietna, jiġifieri li nisirqu kwarta minn x'imkien u ninvistaw l-erbatax –il stazzjon tal-"Via Sagra" li ssibhom f'kull knisja. U kif fiż-żmien il-Milied nagħmlu l-presepju u l-*Christmas tree,* f'dan iż-żmien sewwa li noħorġu xi ftit statwi li naraw fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Jiena ċert li ħafna minnkom għadhom xi sett sabiħ! Tħalluhomx imwarrbin fuq xi raf jew f'xi kaxxa. Issa huwa ż-żmien li tqegħduhom fuq xi *side board* jew tavolina b'xi xemgħa tixgħel quddiemhom.

Naħseb li fl-iskola jkollkom il-priedka ta' l-eżerċizzi. Morru għalihom u oqogħdu attenti. Anki fil-parroċċa naħseb li ssir xi ħaġa. Aktar ma tisma': akar titgħallem. Żgur li ħafna minnkom se jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li din is-sena se taħbat fl-14 t'April. Ġimgħa qabel ikollna l-festa tad-Duluri, festa għażiża. Qabel ma ninsa, xtaqt ngħidilkom ukoll li fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 4 ta'Marzu se jkollna l–play ta' William Shakespeare, "The Merchant of Venice" bil-Malti, li fija tassew storja drammatika b'tagħlima. Għax ma tiġux tarawha mal-ġenituri tagħkom.!

Għal-lum daqshekk. Għidna biżżejjed. Ħa ngħaddu għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb bil-Malti mogħti mill-KKM (fergħa ta'Għawdex-21551325). Tridu twieġbu għal dawn il-mistoqsijiet. L-ewwel evelope li jinfetaħ bix-xorti bit-tweġibiet kollha tajba, jirbaħ il-Premju. Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom fuq *Uffiċċju Parrokkjali, Triq Karità, Victoria Għawdex* jew ilbeltvictoria@yahoo.com sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 31 ta'Marzu 2006

***Mistoqsijiet:***

1). F'liema raħal twieled l-Isqof il-ġdid Mons. Mario Grech?
2). Meta twieled?
3). X'jisimhom il-ġenituri tiegħu?
4). X'kien jagħmel missieru meta kien impjegat?
5). F'liema raħal twieled Mons. Isqof Nikol Cauchi?
6). Meta twieled? (Mons. Nikol Cauchi)
7). X'kien ix-xogħol ta'missieru?
8). L-isqof għandu ħuħ saċerdot, x'jismu?

*Iz-Ziju Joe*

## Qaddisin "Ġorġjani" (1)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-Tempju deddikat lilu*
San Pietru Damiani (tifkira liturġika 21 ta' Frar)

Dan id-Duttur tal-Knisja Taljan safa orfni żgħir u sofra bosta, saħansitra għamel xi żmien jirgħa l-qżieqeż! Sa fl'aħħar wieħed minn ħutu kbar ħenn għalih u ħa l-inkarigu li jieħu ħsiebu - beda jgħallmu u anki bagħtu jistudja. Pietru kkunsidrah daqs missier ġdid - infatti ħa ismu (Damjan) bħala kunjomu!

Biż-żmien sar professur. Iżda ma mexiex 'il quddiem akkademikament biss għax kien identifikat bħala li jsum, jitlob u jqassam il-karità. Jingħad li kien dejjem jipprova jistieden il-foqra jieklu miegħu, anzi jservihom hu stess!

Iltaqa' ma' żewġ Benedittini li ħajruh imur eremita. F'dan l-ambjent awster, kien jgħaddi l-ġurnata jitlob u jistudja profondament l-Iskrittura. L-irħieb ġagħluh jagħmilha ta' abbati malli miet ta' qablu. Wera għerf u qdusija li wasslu għat-twaqqif ta' iktar eremitaġġi.

Il-Papa Stiefnu IX ikkonvinċieh jitlaq id-deżert biex ħatru Kardinal-Isqof ta' Ostia. Alessandru II ħenn għalih: aċċetta t-talba ripetuta tiegħu u ħallu minn din ir-rabta. Il-qaddis tagħna ħass li s-sejħa vera tiegħu ma kenitx li jmexxi; infatti pprefera jkompli jgħix ta' patri sempliċi. Iżda tant ħa isem li, fi żminijiet ikkumplikati għall-Knisja (kellu sehem essenzjali kontra l-antipapa Benedittu X) u għas-soċjetà, diversi Papiet baqgħu jtuh inkarigi importanti. Meta kien qiegħed jirritorna minn wieħed minnhom, telagħlu deni qawwi li qatlu f'ġimgħa - fit-22 ta' Frar 1072 (niċċelebrawh jum qabel peress li hemm il-festa tal-Kattedra ta' San Pietru). Kellu diġa fama qawwija ta' qdusija. Ljun XII iddikjarah Duttur minħabba t-tagħlim profond u voluminuż tiegħu.

*Antoine Vassallo*
*(viċiPresident Kunsill Parrokkjali)*
***vasanti@waldonet.net.mt***



*Dan il-Kardinal f'tagħlimu faħħar lil San Ġorġ u qabblu ma' ħaġra prezzjuża ngastata fid-deheb tal-Għid. L-Antifona* Beatus Georgius. . *.hi tiegħu ukoll. Araw l-istudju ta' Dun George Frendo fil-volum enċiklopediku "San Ġorġ" (paġni 10-11)*

# L-Azzjoni Kattolika trid tiġġedded

L-Azzjoni Kattolika taf l-oriġini tagħha fis-seklu dsatax taħt il-Beatu Piju IX u l-forma "moderna" minn Piju XI.

Mela, biex tibqa' rilevanti, hemm bżonn tiġġedded. Kif irrepetew Papa wara l-ieħor sal-QT Benedittu XVI, l-Azzjoni Kattolika hi meħtieġa għall-Knisja u allura trid tirsisti biex tibqa' dejjem b'saħħitha. Din ir-rieda ma hix nieqsa, lanqas f'Għawdex. (It-titlu ta' dan l-artiklu jrid jittieħed fiż-żewġ sensi!) Dalwaqt se jitfakkar il-ġublew tad-Djamanti mill-wasla fid-Djoċesi tagħna – 75 sena ta' ħidma fost u mid-diversi kategoriji u etajiet.

Anki bi tħejjija, qiegħed isir Kungress bit-tema, appuntu, "Azzjoni Kattolika Mġedda għal Djoċesi Msaħħa". Il-kumitat maħtur apposta ħa ħsieb iqassam talba u jagħmel ċensiment fost iċ-ċirkli. Mill-informazzjoni miġbura ġie kkonfermat x'sehem kbir (anzi essenzjali) għandhom il-membri fil-ħajja soċjali u reliġjuża: liturġija, duttrina, tindif, morda, tqassim u radjijiet, biex insemmi nofs tużżana bla ebda ordni partikulari.

Imbagħad f'Diċembru saru żewġ sessjonijiet ta' *workshops* li minnhom ħarġu numru qawwi ta' suġġerimenti u proposti. Issa ġew formulati xi riżoluzzjonijiet konkreti li qegħdin jiġu diskussi waqt iċ-ċenaklu – laqgħat li għalihom jattendu d-diriġenti mill-parroċċi u l-fergħat. Prattikament l-ewwel deċiżjoni kienet li jitwaqqaf bord biex jibda joħroġ perjodiku b'tagħlim interessanti li jżomm lill-qarrejja – membri u le – aġġornati.

Ta' min jgħid li l-parroċċa ta' San Ġorġ kienet u għada involuta ferm fl-Azzjoni Kattolika. Dejjem kienu bosta dawk fost il-presbiterjum u l-kapitlu li servew bħala Assistenti Ekkleżjastiċi – u dit-tradizzjoni għadha qawwija! Il-membri narawhom f'kumitati, jorganizzaw, ikantaw, janimaw, jaqraw, ixandru, jilqgħu, inaddfu, isewwu, jiġbru, iqassmu, jgħallmu – insomma x'ħin taħseb ftit, tinduna kemm isiru sforzi li forsi ftit napprezzawhom. U dan biex ma noqgħodx nidħol fis-sehem fil-ħafna ċentri li għandna r-Rabat.

Hu fl-interess ta' kulħadd li nitolbu biex l-Azzjoni Kattolika ma tehdiex mill-ħidma essenzjali tagħha – l-għaqda ta' l-apostolat tal-lajċi li anki ġiet deskritta bħala "l-id il-lemija tal-Knisja". U allura kemm hu xieraq li qiegħda waqt Kungress ta' tiġdid f'perjodu meta d-Djoċesi għandha Isqof ġdid!

**Antoine Vassallo**
*(membru tad-Direttorju Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika)*
*vasanti@waldonet.net.mt*

## Narċis u Ġiżimin



Din hi l-aħħar publikazzjoni letterarja li għadu kemm ta lill-pubbliku l-poeta Għawdxi l-Kan. Joe Mejlak, ġabra ta'poeżiji maħsuba għat-tfal u ż-żgħażagħ. Dan ix-xogħol huwa mżewwaq b'poeżija ħafifa, ċara, nadifa, b'idjoma ordinarja iżda f'lokha, b'aċċenn fuq l-unità, fuq ir-ritmu mużikali u l-armonija fonetika. Din il-publikazzjoni hi mmirata għat-tfal u ż-żgħażagħ. Temi bħall-Ewkaristija, l-Madonna, qaddisin protetturi, l-Patrija u ż-Żgħożija huma kollha ttrattati f'dan il-ktieb. Permezz tal-versi tiegħu dan il-poeta romantiku kontemporanju kellu l-ħila jnaqqax rokna fil-qasam letterarju tal-gżira Għawdxija, ħaġa li ma tagħmilx għajb lill-qariba tiegħu, Mary Meylak.

*(informazzjoni meħhuda mill-kritika tal-Kav. Joe M. Attard)*

## Ezercizzi Randan 2006

**6 ta' Marzu - 7.30pm**
**Żgħażagħ - Dun Fabio Attard**

**13 ta' Marzu - 7.00pm**
**Miżżewġin Patri Charles Tabone OP**

**27 ta' Marzu - Kulħadd**
**4.00pm - Patri Frank Borg OP**
**7.30pm - Dun George J. Frendo**

**3 ta' April - 4.30pm**
**Tfal - Dun Ġużepp Gauci**

## Fil-Ħarġa li jmiss



***Feature fuq iċ-Ċentru Parrokkjali***



***Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bażilika ta' San Ġorġ.***































1: *Kunċert barokk bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet għall-ħatra ta' Mons. Mario Grech bħala t-tieni Dekan tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. 04.02.06 - 8.30pm*

2: *Grupp ta' madwar tmenin żagħżugħ jagħtu merħba lill-Isqof waqt laqgħa ppreparata apposta għal din l-okkażjoni. 03.02.06 - 9.15pm*

3: *Żjara ta' ftit minuti fl-istazzjon tar-radju komunitarju Leħen il-Belt Victoria. 04.02.06 - 12.05pm*

4: *Ftit mit-tfal tal-parroċċa jieħdu ritratt ta' l-okkażjoni ma' Mons Grech. 03.02.06 - 5.50pm*

5: *Ikla offruta fil-bini l-ġdid taċ-ċentru parrokkjali fejn jidhru Mons. Mario Grech u parti mill-qassisin tal-Bażilika ta' San Ġorġ. 04.02.06 - 1.30pm*

6: *Mons. Arċipriet Ġużeppi Farruġia jilqa' lil Mons. Isqof . Fl-isfond il-Banda Ċittadina La Stella idoqq l-Innu Pontifiċju. 05.02.06 - 10.30am*

7: *L-ewwel laqgħa ta' l-Isqof mat-tfal tal-parroċċa. 03.02.06 - 5.30pm*

8: *Il-President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami jidher jifraħ lil Mons. Isqof bil-kariga l-ġdida tiegħu. 05.02.06 - 10.55am*

9: *Mons. Mario Grech, Isqof u Dekan tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ jieħu postu fil-kor. 05.02.06 - 11.00am*

10: *Mons. Ġużeppi Farruġia jagħti lil Mons. Isqof is-salib, simbolu li issa huwa wkoll id-Dekan tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. 05.02.06 - 11.15am*

Ritratti: *Joe Zammit - www.freewebs.com/gozofreeseframe*
*Joe Attard*

Design & Printing :: A&M Printing - 2155 3217